# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 567/2016 MH**

**Illum, 12 ta' Ottubru, 2020**

**Avv.David Camilleri, Avv.Mario de Marco u Josette Grech, Avv.James D'Agostino**

**vs**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, u għal kull interess li ista' jkollhom, Group 4 Securitas (Malta) Ltd li skont digriet tal-Qorti tat-28 t' Settembru 2016 illum magħrufa bħala G4S Security Service (Malta) Ltd b'digriet tal-Qorti tat-28 t' Settembru 2016 , Avv.Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjetajiet esteri Group 4 Securitas (International) B.V. u Douglas Jackson & Company (Adjusters) Ltd u din ta' l-aħħar għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' assiguratriċi estera Royal International Insurance Holdings Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tat-13 ta' Lulju 2016** permezz ta' liema ġie premess:

1. *"1. Illi dan ir-rikors qiegħed isir a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi r-rikorrenti kienu l-avukati patroċinati l-konvenuti fil-kawża fl-ismijiet Group 4 Securitas (Malta) Ltd u Avukat Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Douglas Jackson & Company (Adjustors) Ltd u din għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' għas-sigurattriċi estera Royal International Insurance Holdings Ltd, u l-istess avukat Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Group 4 Securitas (International) B.V. VS. Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja, [Cit. 58/99 JRM] liema kawża ġiet deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta [fit-12 ta' Jannar 2012] fis-sens illi, apparti l-Qorti laqgħet eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, filwaqt illi l-konvenut Michael Angelo Pace insab responsabbli lejn l-atturi, it-talbiet dwar responsabbilita' kif riolti lejn Victor Calleja, Jason Calleja ġew miċħuda, u t-talbiet għad-danni fil-konfront tal-konvenuti kollha ġew miċħuda stante li ma ġewx provati sodisfaċċjentatament, bl-ispejjeż jitħallsu mill-atturi ["ħlief dawk marbutin mal-ewwel tal-pro attriċi, li jitħallsu mill-imħarrek Michael Angelo Pace iżda biss sa fejn dik it-talba iltlaqgħet kontriħ"];*

3. *Illi l-atturi appellaw minn din is-sentenza, liema appell ġie ddikjarat deżert mill-onorabbli Qorti tal-appell fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2015;*

4. *Illi fl-14 ta' Ġunju 2016, l-intimat reġistrattur Qrati Ċivili u Tribunali intaxxa l-ispejjeż u drittijiet relattivi għal din il-kawża [kopja eżebita bħala dokument'A'];*

5. *Illi ma jidhirx illi d-drittijiet professjonali kif intaxxati huma korretti inkwantu, fil-fehma umli tal-esponenti, l-ammont li fuqu sar l-intaxxar mill-intimat huwa wieħed eronju u kwindi taxxa kif maħruġa ma' tirrispekjax id-drittijiet, li altrimenti kellhom jiġu likwidati għad-volorem f'kawża għad-danni bħal ma hi dik surriferita, fejn it-talbiet attriċi kienu jikkonsistu f'dikkjarazzjoni tar-responsabbilita', likwidazzjoni u kundanna ta' "ħlas ta' ammont minnhom misruq u d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-soċjeta' attriċi";*

6. *Illi fil-fatt, jidher li l-intimat ħadem fuq somma inferuri għal-pretenzjoni tl-atturi li kienet għl-ammont ta' LM 212,076.32 [illum €493,827.16] kif joħroġ ċar mill-prospett tad-danni ppreżentat mill-atturi fil-kors tal-proċeduri tal-kawża surriferita;*

7. *Illi dana huwa konfortat bil-fatt illi l-istess atturi kienu saħansitra intavolaw ma' dati ta' inibizzjoni kontra il-konvenuti fl-ammont ta' Lm 212,000 [illum €493,827.16] biex jikkawtelaw il-prtenzjoni tagħhom fl-istadju bikri tal-proċeduri [Dokument'B' bawn anness];*

8. *Illi minkejja li l-esponenti għamlu tentatti mal-intimat sabiex qabel ma tiġi rilaxxati it-taxxa attakkata, din tkun korretta sabiex jiġu evitatu proċedui bla bżonn, iżda l-intimat dehrlu li għandu jirrilaxxa t-taxxa fuq ammont sostanzjalment ridott minn dak pretiż mill-atturi;*

9. *Illi, għalhekk kellhom jiġi intavolati dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, joġobha:*

1. *tħassar it-taxxa maħruġa fl-14 ta' Ġunju 2016 esebita bħala dokument 'A' maħruġa mill-intimat fir-rigward tad-drittijiet u spejjeż u ġudizzarju relattivi għall-kawża Group 4 Securitas (Malta) Ltd. u avukat Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Douglas Jackson and Company (Adjusters) Ltd. u din għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' assiguratriċi Royal International Insurance Ltd., u l-istess avukat Tonio Azzopardi in rappreżentanza soċjeta' estera Group 4 Securitas (International) B.V. VS. Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja, Ċitazzjoni Nru. 58/99/JRM u*

2. *tordna lill-intimat reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali biex jerġa' joħroġ taxxa fuq bażi ad volorem fuq l-ammont ta' Lm 212,076.32 [illum £493,827.16] hekk kif pretiż mill-attur, jew somma oħra verjuri li tirrifletti korretament l-ammont pretiż mill-atturi mill-kaeża fuq imsemmija;*

   *Bl-ispejjeż."*

Rat **ir-risposta ġuramentata tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali tas-26 ta' Settembru 2016**[1] permezz ta' liema eċċepixxa –

1. *"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda in toto bl-isepjjeż għar-raġunijiet esposti hawn taħt:*

[1] Fol 19 et seq

2. *Illi din hija kawza ta' ritassa li qed issir ai termini tal-art 64 tal-Kodici tal-Procedura (Kap. 12) u li qed tattakka t-taxxa mahruga fl-14 ta' Gunju 2016 relattiva ghal kawza Group 4 Securitas (Malta) Ltd et vs Michael Angelo Pace et bin-numru 58/1999 dikjarata dezerta mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2015;*

3. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt tar-ragunijiet hawn taht indikati:*

4. *Illi l-esponent ma hadimx it-taxxa in kwestjoni abbazi ta' min rebah jew tilef il-kawza, izda hadem it-taxxa skont it-talbiet maghmula fir-rikors guramentat pprezentat fil-kawza fuq imsemmija.*

5. *Illi, din il-kawza kienet ghal-likwidazzjoni ta' danni, liema danni ma gewx likwidati mill-Qorti.*

6. *Illi l-esponenti kellu ghalhekk jara l-atti pprezentati mill-partijiet fil-kawza sabiex ikun jista jiddetermina l-valur tal-kawza u dan skont l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 li jghid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta'xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur* **determinat jew determinabbli** *skont il-liġi jew* **mill-proċess***, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".*

7. *L-esponent, di fatti hadem it-taxxa skont l-art. 13 tat-Tariffa E annessa mal-Kap 12 wara li l-ammont pretiz gie identifikat mill-atti tal-kawza.*

*Irrizulta a fol 161 illi kien hemm xhieda bil-gurament ta' Charles Dimech li xehed in rapprezentanza tal-kumpanija attrici, fejn fl-istess xhieda pprezenta zewg dokumenti Dok CDA u Dok CDB.*

8. *Fl-ewwel dokument (CDA) jirrizulta li Lm51,692.64 insterqu fi flus kontanti, fil-waqt li LM161,448.84 kienu f'cheques.;*

9. *Fit-tieni dokument (CDB) gie elenkat l-amont irkuprat mic-cekkijiet cjoe Lm134,862.68 mill-ammont ta' Lm161,448.84 u ghalhekk l-ammont riklamat kien ta' Lm26,616.16.*

10. *Jirrilzulta illi ghalhekk l-ammont pretiz kien ta' Lm51,692.64 + Lm26,616.16 = Lm78,308.80. Kien fuq dan l-ammont li t-taxxa tal-appell inhadmet. Dan ir-ragunament ta' kif l-esponenti wasal ghall-ammont li fuqu inhadmet it-taxxa huwa kkonfermat mill-istess sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili a fol. 380 et seq tal-process , proprju f'pagna 5 tal-istess sentenza.*

11. *Illi ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.*

12. *B'riżerva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' l-Avv.Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjetajiet esteri Group 4 Securitas (International) B.V. u Douglas Jackson & Company (Adjusters) Ltd u din ta' l-aħħar għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' assiguratriċi estera Royal International Insurance Holdings Ltd tat-18 t'Ottubru 2016**[2] permezz ta' liema eċċepixxa –

*"1. Preliminarjament, l-avukati atturi m'għandhomx relazzjoni ġuridika mar-Reġistratur, u t-taxxi li jinħarġu mir-reġistratur jikkonċernaw "spejjeż ġudizzjarji" (Artikolu 64 tal-Kap 12) tal-kontendenti u għalhekk huma l-kontendenti Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja biss li għandhom 'locus standi' biex jagħmlu kawża biex jimpunjaw it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur, u mhux l-avukati tal-partijiet. Id-debitur tal-avukat huwa l-patroċinat tiegħu u mingħandu kellu jinġabar* id-dritt dovut. *Il-patroċinat għandu dritt ta' azzjoni taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, iżda mhux l-avukat, li m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-reġistratur. Kif jidher ċar mill-artikolu erba u sittin tal-kap 12, l-"ispejjeż ġudizzjarji" jiġu intaxxati għall-kontendenti Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja u ma tirrispettax lill-avukati.*

*2. Preliminarjament, il-mandat tal-eċċipjent Avv. Tonio Azzopardi kien mogħti lilu għall-finijiet tal-kawża kontra l-ħallelin li wettqu s-serqa armata kontra Group 4 u mhux magħruf jekk* il-mandat *tiegħu għandux jibqa' fis-seħħ jew le skont il-volonta' tal-mandati. Barra minn hekk, jista' jagħti l-każ li xi waħda jew aktar minn dawk il-kumpaniji esteri lanqas għadha teżisti. Għalhekk, l-eċċepjent jeħtieġ*

*żmien t'aktar minn 20 jum sabiex jagħmel il-verifiki meħtieġa barra minn Malta.*

[2] Fol 25 et seq

*3. Subordinament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, għall-azzjoni odjerna jgħodd il-prinċipju "ex turpitudine non oritur actio" stante li l-avukati atturi ppratrocinaw lill-hallelin li kienu ppartecipaw flimkien ma' mandati oħra f'serqa armata għad-dannu ta' Group 4 Securitas (Malta) Limited illum G4S Security Services Limited u għalhekk ma jistgħux jippretendu li l-Qorti tidħol kompliċi magħhom biex jieħdu aktar flus mingħand is-soċjeta' derubata.*

*4. Bla preġudizzju għas-sueccepit, ir-Registratur ikkomputa korrettement id-drittijiet, u dan għar-raġunijiet imfissra fir-risposta ġuramentata tiegħu kif ukoll għal raġunijiet oħra li jiġu spjegati matul il-kawża, u għalhekk it-taxxa maħruġa minnu għandha tiġi kkonfermata bħala korretta f'kull aspett tagħha. Fil-fatt, it-taxxa nħadmet skont l-Artikolu 14 tat-Tariffa E il-kap 12. Mill-proċess jirriżulta li l-ammont pretiż kien jammonta għal Lm78,308.80, jiġifieri Lm51,692.64 li hu l-ammont li nsteraq fi flus kontanti, u Lm26,616.16 li hu l-ammont mhux irkuprat fir-rigward taċ-ċekkijiet misruqa. Paġna 5 tas-sentenza tirreferi għal dan it-taxxa nħadmet korrettament skont is-sentenza. Għalhekk, fil-meritu iżda mingħajr preġdizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, it-talbiet tal-atturi mhumiex ġustifikati u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' G4S Security Services Ltd tal-24 t'Ottubru 2016**[3] permezz ta' liema ressqet dawn l-eċċezzjonijiet -

[3] Fol 28 et seq

*"1. Preliminarjament, l-avukati atturi m'għandhomx relazzjoni ġuridika mar-Reġistratur, u t-taxxi li jinħarġu mir-reġistratur jikkonċernaw "spejjeż ġudizzjarji" (Artikolu 64 tal-Kap 12) tal-kontendenti u għalhekk huma l-kontendenti Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja biss li għandhom 'locus standi' biex jagħmlu kawża biex jimpunjaw it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur, u mhux l-avukati tal-partijiet. Id-debitur tal-avukat huwa l-patroċinat tiegħu u mingħandu kellu jinġabar id-dritt dovut. Il-patroċinat għandu dritt ta' azzjoni taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, iżda mhux l-avukat, li m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-reġistratur. Kif jidher ċar mill-artikolu erba u sittin tal-kap 12, l-"ispejjeż ġudizzjarji" jiġu intaxxati għall-kontendenti Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja u ma tirrispettax lill-avukati.*

*2. Subordinament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, għall-azzjoni odjerna jgħodd il-prinċipju "ex turpitudine non oritur actio" stante li l-avukati atturi ppratrocinaw lill-hallelin li kienu ppartecipaw flimkien ma' mandati oħra f'serqa armata għad-dannu ta' Group 4 Securitas (Malta) Limited illum G4S Security Services Limited u għalhekk ma jistgħux jippretendu li l-Qorti tidħol kompliċi magħhom biex jieħdu aktar flus mingħand is-soċjeta' derubata.*

*3. Bla preġudizzju għas-sueċċepit, ir-Registratur ikkomputa korrettement id-drittijiet, u dan għar-raġunijiet imfissra fir-risposta ġuramentata tiegħu kif ukoll għal raġunijiet oħra li jiġu spjegati matul il-kawża, u għalhekk it-taxxa maħruġa minnu għandha tiġi kkonfermata bħala korretta f'kull aspett tagħha. Fil-fatt, it-taxxa nħadmet skont l-Artikolu 14 tat-Tariffa E il-kap 12. Mill-proċess jirriżulta li l-ammont pretiż kien jammonta għal Lm78,308.80, jiġifieri Lm51,692.64 li hu l-ammont li nsteraq fi flus kontanti, u Lm26,616.16 li hu l-ammont mhux irkuprat*

*fir-rigward taċ-ċekkijiet misruqa. Paġna 5 tas-sentenza tirreferi għal dan it-taxxa nħadmet korrettament skont is-sentenza. Għalhekk, fil-meritu iżda mingħajr preġdizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, it-talbiet tal-atturi mhumiex ġustifikati u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat illi nonostante t-terminu mogħti lill-konvenuti għall-preżentata tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom huma baqgħu inadempjenti, u dan anke wara li huma ngħataw estensjoni tat-terminu fuq talba ta' uħud minnhom stess.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-atturi u tal-konvenut Reġistratur. Id-difensur tal-intimati l-oħra, msejjaħ diversi drabi ma deherx għat-trattazzjoni.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża kif ukoll l-atti tal-proċess allegat Ċit Nru 58/99 fl-ismijiet *Group 4 Securitas (Malta) Ltd et vs Michael Angelo Pace et*.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-atturi qegħdin jitolbu ritassa tat-taxxa maħruġa mill-intimat Reġistratur fl-14 ta' Ġunju 2016 fil-każ Ċit Nru 58/99 fl-ismijiet *Group 4 Securitas (Malta) Ltd et vs Michael Angelo Pace et* liema talba hija fermement opposta mill-intimati l-oħra.

Mill-atti jirriżulta li –

1. **Fid-29 ta' Diċembru 1988** ġie ntavolat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (Rik4591/98) fl-ismijiet *Goup 4 Securitas (Malta) Ltd vs Michael Angelo Pace*; **fis-6 ta' Jannar 1999** ġie ntavolat (i) rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni (Rik54/99) fl-ismijiet *Group 4 Securitas (Malta) Ltd vs Victor Calleja*; (ii) rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (Rik52/99) fl-ismijiet *Goup 4 Securitas (Malta) Ltd vs Victor Calleja*; u (iii) rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (Rik55/99) fl-ismijiet *Group 4 Securitas (Malta) Ltd vs Michael Pace*[4]. Dawn il-mandati kawtelatorji saru in konnessjoni mal-allegata kompliċita' tal-intimati f'serqa ta' Lm212,000 (€493,827.16) għad-dannu tas-soċjeta' rikorrenti fit-22 ta' Diċembru 1998. Is-somma kawtelata fil-mandati msemmija kienet ta' Lm212,000 (€493,827.16);

[4] Fol 61 et seq

2. **Fil-11 ta' Jannar 1999** ġew intavolati quddiem din il-Qorti diversament preseduta proċeduri fl-ismijiet *Group 4 Securitas (Malta) Limited u Avukat Dottor Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Douglas Jackson & Company (Adjustors) Limited u din għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' assikuratriċi estera Royal International Insurance Holdings Limited; u l-istess Avukat Dottor Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Group 4 Securitas (International) B.V. vs Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja* permezz ta' liema l-atturi talbu lill-Qorti (i) ssib li l-konvenuti (u, f'każ li awturi jew kompliċi oħra jissejħu fil-kawża, dawk il-persuni wkoll), jew min minnhom, kienu responsabbli għas-serq ta' flus kontanti u ċekkijiet mill-vann tas-sigurta' tas-soċjeta' attriċi u għad-dannu tagħha, f'serqa li seħħet f'Albert Town, fil-Marsa, fit-22 ta' Diċembru, 1998; (ii) issib lill-istess konvenuti responsabbli solidalment bejniethom lejha għall-ħlas tas-somma minnhom misruqa u għad-danni sofferti minnha minħabba f'dik is-serqa; u (iii) tikkundannahom iħallsuha s-somma misruqa likwidata flimkien mad-danni kollha konsegwenzjali kif likwidati mill-Qorti. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali minn dak inhar li l-konvenuti laqgħu n-notifika tal-Mandati Kawtelatorji 54/99 u 55/99;

3. F'dik il-kawża l-atturi kienu patroċinati mill-Avv. Tonio Azzopardi, filwaqt li l-konvenuti Jason Calleja, Michael Angelo Pace u Victor Calleja kienu patroċinati mill-Avv.Mario de Marco u Josette Grech, l-Avv.Jose' A. Herrera u David Camilleri, u l-Avv. James D'Agostino rispettivament;

4. **B'sentenza datata 12 ta' Jannar 2012** l-Qorti ddeċidiet il-kawża hekk-

*"Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-imħarrkin Victor u Jason Calleja, u dan billi ssib li l-attur Avukat Tonio Azzopardi nomine ma kienx awtoriżżat kif jixraq biex joqgħod f'din il-kawża f'isem Douglas Jackson & Company (Adjustors) Limited u Royal International Insurance Holdings Limited, u b'hekk teħles lill-imħarrkin kollha mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar il-pretensjonijiet tal-imsemmijin żewġ kumpanniji attriċi, bi spejjeż kontra l-imsemmi attur nomine;*

*Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi billi ssib lill-imħarrek Michael Angelo Paċe responsabbli, flimkien ma' oħrajn li baqgħu mhux magħrufa, għas-serqa li ġrat fit-22 ta' Diċembru, 1998, f'Albert Town, fil-limiti tal-Marsa;*

*Tiċħad l-ewwel talba attriċi safejn titlob li l-imħarrkin Victor Calleja u ibnu Jason jitqiesu wkoll responsabbli għall-imsemmija serqa, billi dan ma jirriżultax fil-grad mitlub mil-liġi mill-provi mressqa;*

*Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi, billi l-atturi naqsu li jippruvaw kif jixraq x'kienu tassew id-danni li jgħidu li ġarrbu minħabba l-imsemmija serqa; u*

*Tordna li l-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk marbutin mal-ewwel talba attriċi, li jitħallsu mill-imħarrek Michael Angelo Paċe iżda biss safejn dik it-talba ntlaqgħet kontrih."*

5. Minn din is-sentenza appellaw l-atturi kollha iżda waqt is-seduta tal-**15 ta' Diċembru 2015** l-istess appell ġie dikjarat deżert peress li ma ġiex kawtelat skont il-liġi;

6. **Fit-28 ta' Diċembru 2015** ir-Reġistratur konvenut kiteb lill-partijiet sabiex permezz ta' Nota konġuntiva jindikaw il-valur tal-pretensjonijiet attriċi għall-fini tal-eventwali ħruġ tat-taxxa ta' drittijiet u spejjeż. Ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar iċ-ċifra;

7. Permezz ta' Nota datata **7 ta' Jannar 2016**[5] il-konvenut Michael Angelo Pace indika li t-taxxa għandha tinħadem fuq iċ-ċifra totali ta' €496,485.76 stante li a fol 6 tas-sentenza tal-ewwel Qorti kien dikjarat li l-pretensjonijiet tas-soċjeta' Group 4 Securitas (Malta) Ltd kienu jammontaw għal Lm51,692.64 u somma ulterjuri ta' Lm161,448.84;

8. Permezz ta' Nota konġuntiva datata **25 ta' Jannar 2016**[6] il-konvenuti Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja ddikjaraw li l-valur kif jirriżulta mill-atti tal-kawża huwa ta' Lm212,076.32 kif jirriżulta mid-dokument esibit mix-xhud Joseph Cuschieri fit-23 ta' Frar 2006;

[5] Fol 424 proċess allegat Rik Nru 58/99
[6] Fol 425 proċess allegat Rik Nru 58/99

9. **Fl-1 ta' Ġunju 2016** il-konvenut Reġistratur ħareġ it-taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż fil-kawża msemmija[7], liema taxxa llum hija mpunjata fil-proċeduri odjerni mid-difensuri tal-konvenuti f'dik il-kawża;

10. It-teżi tal-atturi fil-proċeduri odjerni hija li fil-kawża Ċit Nru 58/99 t-talbiet kienu *da liquidarsi*, madankollu l-pretensjonijiet ta' l-atturi f'dik il-kawża kienu deduċibbli mill-Mandati kawtelatorji ppreżentati u anke mill-prospett tad-danni preżentat mill-atturi fil-mori ta' dik l-istess kawża.

Fil-Mandati kawtelatorji msemmija[8] l-ammont indikat bħala kawtela mis-soċjeta' rikorrenti kien ta' €493,827.16 (Lm212,000). Fil-prospett ippreżentat in atti[9], is-soċjeta' attriċi kienet indikat li nsterqu total ta' €496,485.25 (Lm213,141.12[10]) kemm fi flus kontanti u anke f'ċekkijiet.

L-oġġezzjoni tal-atturi odjerni għat-taxxa tar-Reġistratur hija li minflok ma bbaża ruħu fuq iċ-ċifra ta' circa €493,827.16 (Lm212,000) għal fini ta' valur li fuqu kellha tinħadem it-taxxa, r-Reġistratur ħadem it-taxxa fuq ċifra ferm inqas u għalhekk it-taxxa hija skorretta. Inoltre huma jsostnu li anke jekk din il-Qorti tagħti raġun lir-Reġistratur fir-rigward tal-valur li fuqu nħadmet it-taxxa, xorta hemm workings ħżiena li saru fit-taxxa mpunjata u dan kif spjegat fix-xhieda tal-attur Avv. James D'Agostino[11].

---

[7] Fol 7 et seq
[8] Fol 63 et seq
[9] Fol 163 proċess allegat Rik Nru 58/99
[10] Mhux Lm212,076.32 kif indikat mill-atturi in vista ta' żball matematiku fit-total taċ-ċekkijiet misruqa fid-dokument a fol 163 fil-proċess allegat Rik Nru 58/99
[11] Fol 102 et seq

L-atturi ppreżentaw ukoll Nota permezz ta' liema ndikaw il-mod kif, fil-fehma tagħhom, id-dritt professjonali tagħhom kellu jiġi kkalkolat[12];

11. Minn naħa tiegħu r-Reġistratur konvenut jiddefendi l-korrettezza tat-taxxa maħruġa minnu. Huwa qal li ħa konjizzjoni tax-xhieda mogħtija minn Charles Dimech li minnu rriżultalu li l-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi fil-kawża Ċit Nru 58/99 kien ta' €182,410.44 (Lm78,308.80). Dan in kwantu għas-somma ta' €120,411.46 (Lm51,692.64) rappreżentanti l-flus kontanti misruqa magħduda mas-somma ta' €61,998.98 (Lm26,616.16) rappreżentanti l-bilanċ ta' ċekkijiet misruqa riklamat (peress li parti miċ-ċekkijiet misruqa kienu ġew irkuprati kif fuq spjegat). A bażi ta' dan ir-raġunament ir-Reġistratur ħa s-somma ta' €182,410.44 (Lm78,308.80) bħala l-valur li fuqu nħadmet it-taxxa. Huwa ta spjega ta' kif inħadmet it-taxxa u anke esebixxa l-workings matematiċi[13];

12. Il-konvenuti l-oħra konfermaw il-qbil tagħhom mat-taxxa kif maħduma mir-Reġistratur.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-konvenuti kollha għajr ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ressqu eċċezzjonijiet preliminari.

---

[12] Fol 86 et seq
[13] Fol 83 et seq

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari** li hija komuni għall-konvenuti msemmija fejn huma jargumentaw li l-avukati atturi m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika mar-Reġistratur. Huma jsostnu li huma biss il-kontendenti - u ċioe' Michael Angelo Pace, Victor Calleja u Jason Calleja – u mhux l-avukati tagħhom li għandhom il-*locus standi* biex jintavolaw proċeduri ta' ritassa. Dan skont l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk –

*"L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

Huwa paċifiku li kull kawża ċivili tiskatta mill-interess ġuridiku tal-kontendenti kollha nvoluti.

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-interess ġuridiku meħtieg sabiex persuna tkun tista' tipproċedi fil-Qorti b'kawża kontra persuna jew persuni oħra hija voluminuża. Fil-każ fl-ismijiet **Integrated-Capabilities (Malta) Ltd et vs Crowd Shout Holdings Ltd et deċiż fil-31 t'Ottubru 2016** il-Qorti qalet hekk-

*"Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawża **"Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta"** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk:-*

*"Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta` eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta u mal-prinċipji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu*

*meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta` utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet* ***Manche` vs Montebello*** *(Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet* ***Camilleri vs Sammut*** *(Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta` sentenzi caħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali (Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet* ***Cortis vs Bonello*** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

*Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa` fil-kawża (App. Ċiv. 17.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet* ***Sammut et noe vs Attard*** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża (Ara App. Ċiv. 3.12.1984 fil-kawża fl-ismijiet* ***Borg vs Caruana*** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-għadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat (Ara App. Ċiv. 12.12.1983 fil-kawża fl-ismijiet* ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et****). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawża fl-ismijiet* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma*

*jkunx wieħed ipotetiku (App. Ċiv. 15.12.1932 fil-kawża fl-ismijiet* **Scolaro vs Bailey** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawża "***MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera***" din il-Qorti (PA/FS) qalet:-*

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet* **Maria Tabone et vs Joseph Schembri**, *deċiża fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet: "Dwar il-kunċett ta` l-interess ġuridiku, jibda biex jingħad, li - Fil-kawża fl-ismijiet* **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] ingħad li biex wieħed jista` jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*

*Fil-kawża fl-ismijiet* **Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] ġie ritenut li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.*

*L-interess irid ikun ġuridiku, ċioe` bbażat fuq xi dritt pretiż leż ta` l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588). Il-***Mattirolo** *f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

*Il-liġi qegħda hemm biex tipproteġi dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa għalhekk, li jingħad li l-interess huwa l-miżura ta` l-azzjoni. L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali ċjoe' jrid joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara* ***Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett ta` l-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Hekk ġie ritenut fil-kawża* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *Appell Ċivili datat 17 ta` Frar 1993. Illi ġie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għall-jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku. (Ara* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *Prim Awla Qorti Ċivili deċiża fit-13 ta` Ottubru 1952,* ***Scolaro vs Bailey****, Appell Ċivili deċiż fil-15 ta` Diċembru 1932,* ***Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin****, Prim`Awla Qorti Ċivili deċiż fit- 28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-prinċipju ġie ribadit fil-kawża* ***Falzon Sant Manduca vs Weale****, deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun ġuridiku, jiġifieri jkollu l-elementi meħtieġa biex isawru l-interess ta` l-attur, iżda*

*dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati tagħna, saħansitra taw deċiżjonijiet fis-sens li persuna għandha nteress li tiġi msejħa fil-kawża anke fejn la tista` tirbaħ il-kawża u lanqas tista` tiġi kkundannata, imma biss għaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet tagħha u għall-integrita` tal-ġudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Għalhekk jekk wieħed jipprova jiġbor dawn il-prinċipji fil-qasir wieħed jista` jgħid li l-interess ġuridiku:*

*-irid ikun attwali [jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta` jedd u jibqa` jeżisti fil-kors kollu tal-kawża]*
*- irid ikun dirett*
*- irid ikun leġittimu [konformi għal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*
*- irid ikun ġuridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*
*- l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta` vantaġġ u utilita`*
*- għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*
*- il-kawża li jipproponi tkun tista` tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*
*- Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir*
*- Ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista` jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv."*

*Illi fis-sentenza* ***Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et*** *(App. Ċiv. (Imħ JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell sostniet:-*

*"Illi d-definizzjoni aċċettata fil-ġurisprudenza nostrana ta` interess ġuridiku hija dik tal-***Mortara** *li jgħid li l-interess ġuridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita` esistenza o violazione del diritto".*

*Illi għalkemm fis-sistema tagħna tista` tingħata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bażi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l-aċċertament tiegħu permezz ta` l-awtorita` ġudizzjarja."*

*Fil-kawża* ***Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal- Pulizija fil-kwalita` tiegħu bħala Uffiċjal Prinċipali ta` l- Immigrazzjoni*** *(P.A. (JRM) 18 ta` Jannar 2001 – Ċit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi għal bosta snin il-Qrati tagħna fissru li l-elementi meħtieġa biex isawru interess ta` l-attur f`kawża huma tlieta, u jiġifieri li l-interess irid ikun ġuridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wieħed jifhem li dak l-interess għandu jkollu mqar iż-żerriegħa ta` l-eżistenza ta` jedd u l-ħtieġa li tilqa` għal kull attentat ta` ksur tiegħu minn ħaddieħor. Dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per eżempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "***Falzon Sant Manduca vs Weale***", maqtugħa fid-9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***J. Muscat et vs R. Buttigieg et*** *(App. Ċiv. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal: "L-interess irid ikun a) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-eżistenza ta` dritt u l-vjolazzjoni tiegħu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f`kondizzjoni pożittiva jew*

*negattiva kontrarja għall-godiment ta` dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fil-kawża deċiża mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 fl-ismijiet* ***George Laferla et vs Joseph Lauri et*** *ingħad li: "Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawża jrid jibqa` jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni, għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista` tissokta (ara "****Calleja vs Micallef****" deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "****Sammut vs Attard****" deċiża wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess ġuridiku, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attriċi naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. (****Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard****; App. Ċiv., 17.2.1993, Vol. LXXVII).*

*Illi f`sentenza oħra tas-17 ta` Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *qalet li: "l-interess ġuridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni".*

*Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat din il-Qorti (PA/RCP) fis- 26 ta` April, 2012 fil-kawża "****Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et****" fejn ingħad hekk :-*

*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess ġuridiku tal-attur fil-mument li preżenta l-kawża huwa rilevanti li jingħad li "biex wieħed jipproponi domanda f`ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn li jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utli jew vantaġġjuż" ("****Beatrice Manche noe –vs - Maria Montebello****" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduċi tali riżultat għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma*

*tistax treġi" ("**Giuseppe Camilleri et –vs Giuseppe Sammut et**"P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk ir-riżultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jiġi użufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta ("**Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et**" A.C. 27 ta` Mejju 1991; u "**Albert Calleja–vs-Orazio Micallef**" A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kunċett tar-riżultat vantaġġuż jew utli, ossija ta` l-utilita` ġuridika issir riferenza għas-sentenzi fl-ismijiet "**Veronica Farrugia et –vs Mary Buhagiar**" (A.C. - 2 ta` April 1993) u "**Joseph Attard et –vs Paul Baldacchino**" (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001)."*

Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata l-Qorti tqis din l-eċċezzjoni bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Kif jirriżulta mill-provi mressqa mill-atturi stess, l-ilment tagħhom huwa marbut mal-intaxxar tad-drittijiet professjonali tagħhom fit-taxxa mpunjata. L-Avv.James D'Agostino xehed hekk[14] -

*"Aħna qegħdin nikkontendu li t-taxxa nħadmet ħażin sa fejn jidħlu d-drittijiet professjonali. Dan ngħiduh sia għall-fini ta' valur, kif ukoll bħala konteġġ."*

Tenut kont li huwa l-konvenut Reġistratur li jistabilixxi d-drittijiet professjonali tal-avukati skont id-dritt mogħti lilu mill-liġi, allura ċertament jirriżulta li kull wieħed mill-avukati atturi odjerni għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ skont il-

[14] Fol 43

liġi li jistitwixxu l-proċeduri odjerni stante li l-eżitu tal-kawża jolqot lilhom direttament.

Fi kwalunkwe każ l-artikolu 64 tal-Kap 12 innifsu mkien ma jeskludi azzjonijiet ta' ritassa li jsiru mill-avukati jew del resto mill-partijiet. Kif ingħad fil-każ **L-Avukat Dottor William Cuschieri vs Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et deċiż fl-14 ta' Diċembru 2018** dan l-artikolu -

*"....., jipprovdi għat-taxxar tal-ispejjeż ġudizzjarji u ż-żmien li fih it-taxxi jistgħu jigu attakkati, u ma jillimitax tali azzjoni għall-avukati, iżda jirreferi "għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż", kwindi jinkludi l-possibilita` li taxxa tintalab minn parti fil-kawża li jkollha wkoll dritt li tikkontesta tali taxxa."*

Evidentement huwa sinifikanti wkoll li l-konvenut Reġistratur innifsu huwa ben konxju minn dan kollu tant li huwa ma ressaqx eċċezzjoni simili fil-konfront tal-atturi.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti kollha għajr ir-Reġistratur sejra tiġi miċħuda.**

**It-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-konvenut Avv.Tonio Azzopardi noe hija fis-sens li mhux magħruf jekk il-mandat li kien mogħti lilu għall-finijiet tal-kawża Ċit 58/99 għandux jibqa' fis-seħħ fil-kawża odjerna. Huwa eċċepixxa wkoll li possibilment xi waħda jew aktar mill-kumpaniji esteri nvoluti f'dik il-kawża m'għadhomx jeżistu.

Jirriżulta li minkejja li l-konvenut noe talab aktar żmien biex jagħmel il-verifiki meħtieġa dwar din l-eċċezzjoni, ebda ħjiel ta' prova jew tgħarif dwar dan ma nġieb quddiem il-Qorti fil-kors kollu tal-kawża.

Għaldaqstant u fuq nuqqas ta' provi huwa meqjus li l-Avv.Tonio Azzopardi baqa' l-mandatarju speċjali tas-soċjetajiet esteri konvenuti fil-kawża odjerna (li del resto baqa' jirrapreżentahom matul il-proċeduri odjerni) kif ukoll li s-soċjetajiet esteri għadhom kollha eżistenti.

**Din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.**

**It-tielet eċċezzjoni preliminari u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Avv.Tonio Azzopardi noe u tal-G4S Security Services Ltd rispettivament** sostanzjalment tgħid illi m'hemmx lok għal azzjoni derivanti minn kawża ta' diżonorabbli stante li fi kliem dawn il-konvenuti *"l-avukati atturi ppatroċinaw lill-ħallelin li kienu pparteċipaw flimkien ma' mandanti oħra f'serqa armata għad-dannu ta' Group 4 Securitas (Malta) Ltd illum G4S Security Services Ltd u għalhekk ma jistgħux jippretendu li l-Qorti tidħol kompliċi magħhom biex jieħdu aktar flus mingħand is-soċjeta' derubata."*

**Il-Qorti tibda billi tiddeplora l-mod u manjiera li bih ġie formulat il-kliem użat f'din l-eċċezzjoni, lingwaġġ li *a priori* huwa manifestament vessatorju versu kollegi tal-avukat noe stess li fil-kawża Ċit Nru 58/99 kienu biss qegħdin jagħmlu xogħlhom u jiddefendu l-interessi tal-klijenti tagħhom fil-proċeduri miftuħa kontrihom. Għajb għal kull minn fil-professjoni juża talli linġwagg fil-konfront ta' kollegi u fuq kollox fil konfront ta' Qorti li adita**

**b'talba naxxenti mill-liġi għax maħsuba u mfassla minnha, tispiċċa tirrinfaċja dawn it-tipi ta' eċċezzjonijiet mhux biss frivoli u vojta imma għal kollox magħmula in *bad taste* jekk mhux intiżi ukoll li jisvijjaw lil klijent u jagħbuh b'susspetti lejn is-sistema ġudizzjarja nostrana.**

Għalhekk ferm il-premess il-Qorti tfakkar li l-kawża odjerna hija purament waħda ta' ritassa fejn l-atturi qegħdin jikkontestaw it-taxxa ta' drittijiet u spejjeż maħruġa mir-Reġistratur, kontestazzjoni li huma għandhom KULL dritt li jressqu skont il-liġi kif fil-fatt għamlu. Kull diskors intiż li jattakka u jxekkel l-eżerċizzju u d-determinazzjoni ta' dan id-dritt minn xi parti huwa **għal kollox barra minn loku**; dan aktar u aktar meta jipprova addirittura jimplika lill-Qorti stess fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha.

**Dawn l-eċċezzjonijiet huma wkoll miċħuda.**

Qabel ma' l-Qorti tipproċedi biex teżamina l-mertu tal-kawża jeħtieġ tiġi ndirizzata kwistjoni li qamet waqt is-seduta tal-11 ta'Jannar 2019[15] fejn ġie verbalizzat is-segwenti –

*"Meta ssejħet il-kawża dehru Dr David Camilleri u Dr James D'Agostino. Deher Dr Tonio Azzopardi.*

*Xehed Mr Emanuel Sciriha Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali bil-Malti u bil-ġurament.*

[15] Fol 110

*Dr Azzopardi jissottometti li d-dritt tal-atturi li jagħmlu prova ta' fatt intemm meta huma għamlu dikjarazzjoni li ma fadalhomx aktar provi u għalhekk mhux konsentit illi jagħmlu provi ġodda fi stadju meta l-kawża tkun mħollija għal provi tal-konvenut f'liema stadju d-dritt tagħhom hu limitat għal kontro-eżami, u mhux li jagħmlu prova ta' fatt ġdida.*

*Dr D'Agostino jiddikjara illi mhux hu u l-anqas ir-rikorrenti l-oħra talbu l-produzzjoni tas-Sur Emanuel Sciriha għall-udjenza ta llum u x-xhieda tiegħu saret fuq stedina tal-Qorti u mhux għax ir-rikorrenti talbuh jixhed infatti kien Dr Tonio Azzopardi stess meta wara li x-xhud tela fuq il-pedana tax-xhieda li saqsa lill-istess xhud jekk kellux iżid max-xhieda li diġa ta fi stadju precedenti.*

*In vista tad-dikjarazzjoni ta' Dr Azzopardi dwar l-inamissibilta' tax-xhieda tas-Sur Sciriha fejn din tikkostitwixxi prova ġdida minn naħa tal-atturi nonostante d-dikjarazzjoni tagħhom preċedenti li l-provi huma magħluqa u d-dikjarazzjoni ta' Dr D'Agostino li s-Sur Sciriha illum ma kienx xhud mitlub mill-attur tidderiġi lil partijiet billi wara li jieħdu konjizzjoni tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-lum jinkludu l-istess punt dibattut fin-nota ta sottomissjonijiet tagħhom."*

Kienu biss l-atturi li għamlu sottomissjonijiet dwar din il-kwistjoni[16].

L-isfond li wassal għal din il-kwistjoni jirriżulta hekk mill-atti –

[16] Fol 118 et seq

i. Il-konvenut Emanuel Sciriha xehed l-ewwel darba waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2017[17] u dan fuq taħrika li nħarġet mill-atturi[18]. Dakinhar il-kawża ġiet differita għall-24 ta' Mejju 2017;

ii. Waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2017[19] il-Qorti ordnat biex għas-seduta li jmiss ir-Reġistratur konvenut jidher sabiex skont id-depożizzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2017 jipproduċi l-informazzjoni mitluba. Dakinhar il-kawża ġiet differita għall-15 ta' Novembru 2017;

iii. Fil-15 ta' Novembru 2017 xehed għal darb'oħra r-Reġistratur konvenut[20] u l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa. Il-kawża ġiet differita għad-9 ta' Marzu 2018 għall-provi tal-Avv. Tonio Azzopardi;

iv. Fid-9 ta' Marzu 2018 xehed l-attur l-Avv.David Camilleri in kontro-eżami[21] mill-Avv. Tonio Azzopardi, liema xhieda ġiet sospiża u huwa ngħata xahar żmien sabiex jippreżenta Nota permezz ta' liema kellu jindika fejn ma jaqbilx mat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur. Il-kawża ġiet differita għall-eżami tan-Nota msemmija u kontinwazzjoni tal-kontro-eżami tal-Avv. Camilleri jekk ikun il-każ għat-3 t'Ottubru 2018;

---

[17] Fol 48 et seq
[18] Fol 36
[19] Fol 76
[20] Fol 78 et seq
[21] Fol 90 et seq

iv. In-Nota ta' l-Avv. Camilleri ġiet preżenatata fl-10 t'April 2018[22] u fiha rrefera għal Nota li kienet ġiet preżentata preċedentement fil-15 ta' Novembru 2017 mill-attur l-ieħor l-Avv.James D'Agostino u li kienet tispjega dettaljatament għaliex fil-fehma tal-atturi t-taxxa nħadmet ħażin;

v. Waqt is-seduta tat-3 t'Ottubru 2018, fuq stedina tal-Qorti ta x-xhieda tiegħu l-Avv.James D'Agostino[23] li spjega n-Nota tal-15 t' Novembru 2017. Il-kawża ġiet differita għall-11 ta' Jannar 2019 u l-verbal jindika li f'dik is-seduta kellu jixhed il-konvenut Reġistratur;

vi. Fil-11 ta' Jannar 2019 xehed ir-Reġistratur fejn kompla jelabora dwar il-mandati kawtelatorji li saru qabel infetħu l-proċeduri Ċit Nru 58/99 u reġa' spjega l-pożizzjoni tiegħu li huwa ntaxxa skont l-atti tal-kawża u mhux skont il-Mandati.

Għal fini tal-verbal li sar fil-11 ta' Jannar 2019 partikolarment dwar il-pretensjoni tad-difensur tal-konvenuti l-oħra għajr ir-Reġistratur li x-xhieda tal-istess Reġistratur tiġi dikjarata inammissibbli l-Qorti tqis li din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Indipendentement mill-verżjoni li qegħdin jagħtu l-atturi ta' dak li seħħ (u li mhux kull ma qalu huwa rifless fil-verbali) l-Qorti tirrimarka li anke b'referenza biss għall-atti tal-kawża, minn imkien ma jirriżulta li r-Reġistratur ittella' jixhed nhar il-11 ta' Jannar 2019 fuq talba tal-atturi. Jirriżulta wkoll li huwa rrisponda

---

[22] Fol 99

[23] Fol 102 et seq

primarjament għal domandi magħmula mill-Qorti sabiex jiġi kompletat il-kwadru tal-provi meħtieġa għall-fini tal-kawża, li wara kollox huwa neċessarju għall-Qorti sabiex tasal għal deċiżjoni fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Ix-xhieda tiegħu kienet biss elaborazzjoni ta' dak li kien diġa' xehed dwaru u għalhekk l-argument ta' dawn il-konvenuti li x-xhieda tar-Reġistratur hija inammissibbli hija inattendibbli u sejra tiġi respinta.

Fil-mertu, mhuwhiex kontestat li l-kawża Ċit Nru 58/99 kienet waħda għall-likwidazzjoni tad-danni, liema danni ma ġewx likwidati mill-Qorti.

Isegwi - u mhemmx kontestazzjoni dwar dan – li għal finijiet ta' taxxa l-artikolu applikabbli huwa **l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk –

*"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."*

**L-artikolu 13 tat-Tariffa E** surreferita -

*"Għal kull sentenza definittiva:*

*(i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ..................................... €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla*

*(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull €232.94 ....................................€6.99*

*(iii) dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94............2.33*

*Iżda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (b) tat-Tariffa A, għandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu iffissat bil-liġi għall-penali ikkontemplata fiha."*

Ingħad hekk fir-rigward fil-każ **Joseph Busuttil pro et noe et vs Suzanne Busuttil et deċiż fil-5 ta' Ġunju 2020 -**

*Illi minn qari ta' dawn iż-żewġ paragrafi jinsorġi bl-aktar mod ċar li d-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali meta jkollhom x'jaqsmu ma' valur għandhom jiġu ntaxxati ad valorem. Issa, f'dan is-sens din il-Qorti tagħmel ampja referenza għas-sentenza deċiża mill-Qorti ta' l-appell fl-ismijiet Avukat Dr Joseph Ellis -vs Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex deċiża nhar it-28 ta' April, 2010 fejn ingħad illi:*

*'Premessa din l-introduzzjoni, fil-każ preżenti l-appellanti jillamenta minn dik l-istess tassazzjoni tar-Reġistratur fil-kawża per Rikors Nru. 67/07 deċiża, kif*

*ingħad, fid-19.12.2008 għaliex isostni li din kellha tkun waħda ad valorem. Biex isaħħaħ dan l-assunt tiegħu l-appellanti jirrikorri għall-enunċjazzjonijiet fis-sentenzi fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Carmelo Galea -vs- Silvio Zammit et, Appell Inferjuri****, 15.07.2009,* ***Kummissarju tal-Pulizija et -vs- Reġistratur tal-Qorti****, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 30.01.2008 u d-deċiżjonijiet f'dawn kompendjati. Jiġi osservat minn din il-ġurisprudenza illi in linea ta' massima hu prinċipju li t-tassazzjoni ta' drittijiet ġudizzjali għandha tiġi regolata mid-domanda. Huwa konkordat ukoll illi xi drabi jista' jiġri ili għalkemm id-domanda ma tkunx kwantifikata l-prinċipju predett jista' jiġi kwalifikat mill-massima l-oħra li tgħid illi meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni t-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuq dan.* ***F'dan il-kuntest insibu b'rikapitulazzjoni ġenerali illi "hu konformi għall-prattika ta' tassazzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji illi, meta, għalkemm l-attur ikun talab somma indeterminata fiċ-ċitazzjoni, pero' f'xi skrittura jew xort'oħra fi proċeduri jkun iffissa somma bħala oġġett tal-pretensjoni tiegħu, allura dik is-somma titqies id-'domandat', u t-tassazzjoni, li kieku diversament issir fuq l-ottenut, issir fuq 'dik is-somma'***[24] ***(Emmanuele Barbara -vs- Michelina Farrugia, Appell Ċivili****, 10.10.1958). Fl-istess sens konkordi huma s-sentenzi bħal* ***Lawrence Manchè -vs- Reġistratur tal-Qrati Superjuri****, 07.07.1982 u* ***Avukat Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et****, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 25.01.2002;"*

Huwa paċifiku għalhekk li t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tinħadem fuq il-valur li jew jiġi speċifikament dikjarat fl-atti tal-kawża jew inkella li jiġi b'xi mod ieħor stabbilit mill-atti proċesswali.

---

[24] Tipa grassa u sottolinear ta' din il-Qorti

Issa fil-kawża Ċit Nru 58/99 kif ingħad il-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi kienu kollha ppernjati fuq is-serqa ta' flus kontanti u ċekkijiet li nsterqu mill-vann tas-sigurta' tagħha fl-1998.

Issa rriżulta mix-xhieda tax-xhud Charles Dimech, in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi fil-kawża msemmija[25] li s-somma li nsterqitilha kienet ta' circa €493,827.16 (Lm212,000) fi flus kontanti u ċekkijiet. Breakdown taċ-ċifri preżentat mill-istess xhud juri li nsterqet is-somma ta' €120,411.46 (Lm51,692.64) fi flus kontanti u €376,074.63 (Lm161,448.84) f'ċekkijiet. Miċ-ċekkijiet misruqa ġew irkuprati ċekkijiet fl-ammont totali ta' €314,075.65 (Lm134,832.68) b'bilanċ riklamat ta' €61,998.97 (Lm26,616,16).

Huwa proprju a bażi ta' din ix-xhieda li l-konvenut Reġistratur ħadem it-taxxa mpunjata fuq is-somma totali ta' €182,410.43 (Lm78,308.80) kif spjegat fis-sinteżi tax-xhieda fis-suespost. Mid-diċitura u l-mod kif ġiet impustata l-kawża msemmija, s-soċjeta' attriċi kienet qed tippretendi li tieħu lura dak li kien insterqilha flimkien mad-danni konsegwenzjali. Issa jekk, kif irriżulta mill-atti tal-kawża, parti minn dak misruq kien ġie rkuprat, huwa mifhum li dan ma jkunx inkluż fil-pretensjonijiet attriċi kif redatti fil-proċeduri Ċit Nru 58/99.

Ir-Reġistratur xehed hekk[26] -

*"Xhud: mela l-ammonti kienu hekk , din kien hemm serqa u kien hemm ammont flus kontanti u ammont f'ċekkijiet l-ammont kontanti kien 51,000 maltin u ċ-*

[25] Fol 162
[26] Fol 56 et seq

*ċekkijiet kienu jitilgħu għal xi 130,000 lira maltin. Minnhom dawn kien hemm ic-cheques u l-kumpanija rkuprathom lura u kien hemm oħrajn illi ma rkuprathomx għoddejna u allura l-Qorti rraġunat, din il-Qorti rraġunatu li l-ammont huma l-flus kontanti u dak l-ammont li ma rkupratx lura ċ-ċekkijiet u aħna ħdimna fuq dak l-ammont."*

Dan kien in sintonija ma' dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar 2012 –

*"Illi fis-serqa issemma li kienu ttieħdu wieħed u ħamsin elf sitt mija u tnejn u disgħin lira Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmi (Lm 51,692.64) fi flus kontanti, u b'kemm jiswew mija u wieħed u sittin elf erba' mija u tmienja u erbgħin lira Maltija u erbgħa u tmenin ċenteżmi (Lm 161,448.84)22 f'titoli li jissarfu fi flus (cheques). Madankollu, minn dan l-aħħar ammont min kien intitolat għalihom seħħlu jżomm milli jissarfu (permezz ta' stop payments) b'kemm jiswew mija u erbgħa u tletin elf tmien mija u tnejn u tletin lira u tmienja u sittin ċenteżmi (Lm 134,832.68)24, u għalhekk il-biċċa l-kbira minnhom ma ssarrfux minn min seraqhom;"*

Huwa minnu li fil-mandati kawtelatorji li ppreċedew il-kawża Ċit Nru 58/99 l-ammont kawtelat mis-soċjeta' Group 4 Securitas (Malta) Ltd kien għas-somma sħiħa ta' Lm212,000[27] u qatt ma ġiet preżentata Nota ta' riduzzjoni fir-rigward. Iżda la fi kliem l-istess artikolu 14 tat-Tariffa E "mill-proċess", ndipendentement mill-Mandati kawtelatorji, rriżultat iċ-ċifra preċiża ta' dak li tiegħu kienet qed tippretendi ħlas is-soċjeta' attriċi, r-Reġistratur kien legalment korrett meta huwa strah fuq dawk il-figuri għall-fini ta' taxxa u ma hemm xejn ċensurabbli f'dan.

[27] Fol 9 et seq

Għalhekk il-pretensjoni tal-atturi odjerni għal fini tal-valur li a bażi tiegħu r-Reġistratur konvenut ħadem it-taxxa sejra tiġi respinta.

Jifdal l-evalwazzjoni tat-tieni parti tal-pretensjoni attriċi permezz ta' liema huma jargumentaw li fi kwalunkwe każ, anke jekk it-taxxa tinħadem fuq il-valur ta' €182,410.43 (Lm78,308.80) xorta hemm xi żbalji fil-kalkoli.

Naturalment, il-kompitu tagħha huwa biss li *"tagħmel eżami dwar jekk id-Direttur intimat użax id-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġjonevoli u skont il-liġi. Il-Qorti, f'tali ċirkustanzi, f'tali azzjoni tista' se mai biss tordna lid-*Direttur intimat *appellat li jaħdem it-taxxa uffiċjali mill-ġdid, wara li jieħu kont tal-provvedimenti ritenuti relevanti fil-liġi*[28]*."*

Il-Qorti rat ix-xhieda tar-Reġistratur u tal-atturi, kif ukoll il-*workings* rispettivi preżentati minnhom u fil-fehma tagħha –

i. kif tajjeb osservaw l-atturi, għall-fini tal-intaxxar tad-drittijiet tal-appell, japplika l-artikolu 38 tat-Tariffa E tal-Kap 12 li jipprovdi li "*Fuq appell id-drittijiet li hemm fil-paragrafi 13 sa 36 inklużi, għandhom jiżdiedu b'terz."* Issa fil-każ odjern, l-appell tas-soċjeta' Group 4 Securitas Ltd ġie dikjarat deżert fl-ewwel seduta tas-smiegħ quddiem il-Qorti tal-Appell u dan wara li ġie stabbilit li l-appell ma kienx kawtelat skont il-liġi. B'hekk għal fini ta' ntaxxar tad-drittijiet professjonali huwa applikabbli l-artikolu 30 tat-Tariffa E li jipprovdi li *"Jekk it-*

[28] Avv Dr Anthony Cutajar et v Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et deċiż 2 ta' Marzu 2018

*transazzjoni jew iċ-ċessjoni jew l-ammissjoni jsiru wara li jibda s-smigħ tal-kawża, jingħataw żewġ terzi tad-dritt stabbilit fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli ad valorem."*

Jirriżulta pero' mill-atti[29] li r-Reġistratur erroneament applika l-artikolu 29 tat-Tariffa E u li permezz tagħha jingħataw nofs id-drittijiet stabbiliti fil-paragrafu 13 meta l-kawża tkun taxxabbli ad valorem. Madankollu dan l-artikolu japplika biss f'każ ta' transazzjoni jew ċessjoni f'xi stadju ieħor tal-proċeduri wara li tibda l-kontestazzjoni iżda qabel is-smigħ tal-kawża, jew fil-każ ta' ammissjoni f'kull stadju qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża. Kif ingħad pero', fil-kawża odjerna kien diġa laħaq beda s-smiegħ tal-appell.

ii. Mill-kalkoli preżentati in atti ma jidhirx li r-Reġistratur intaxxa d-drittijiet professjonali fuq bażi *ad valorem* kif suppost kellu jkun fir-rigward tal-Prim Istanza.

Għalhekk l-ilment tal-atturi sejjer jintlaqa' limitatament kif appena ngħad.

Il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jintlaqgħu ħlief safejn inkompatibbli ma' dak appena deċiż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi kif dedotta;**

[29] Fol 85 – workings tar-Reġistratur

**2. Tilqa' limitatament it-tieni talba billi filwaqt li tordna lir-Reġistratur biex jerġa' joħroġ taxxa fuq bażi *ad valorem* maħduma fuq is-somma totali ta' €182,410.43 (Lm78,308.80) kif għamel oriġinarjament, b'dana li l-intaxxar tad-drittijiet professjonali fl-istadju tal-prim istanza għandu jkun fuq bażi *ad valorem* filwaqt li l-intaxxar tad-drittijiet professjonali fl-istadju tal-appell għandu jkun ta' żewġ terzi skont l-artikolu 30 tat-Taxxa E;**

**3. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ħlief safejn inkompatibbli ma' dak appena deċiż;**

**4. Tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut Avv.Tonio Azzopardi noe bl-ispejjeż kontra tiegħu filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu ħlief safejn inkompatibbli ma' dak appena deċiż;**

**5. Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjeta' G4S Security Services Ltd illum magħrufa bħala G4S Security Service (Malta) Ltd, bl-ispejjeż kontra tagħha filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu ħlief safejn inkompatibbli ma' dak appena deċiż;**

**6. Il-bqija tal-ispejjeż jinqasmu hekk – 4/5 l-atturi u 1/5 il-konvenut Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**